65. Jenfasizza li din il-kooperazzjoni għandha wkoll tipprevedi appoġġ ikbar għall-programmi ta' skambji ta' studenti, akkademiċi u professjonisti; jiddispjaċih li l-Programm Erasmus Mundus għadu mhux magħruf fir-reġjun kollu, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni; jilqa' l-inizjattivi meħuda minn universitajiet Franċiżi, Britanniċi u Ġermaniżi biex jistabbilixxu sħubijiet u programmi ta' skambju universitarji; ifakkar, madankollu, li l-Ewropa għadha lura f'dan il-qasam meta mqabbla mal-Istati Uniti u mal-Asja; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi ġranet ta' informazzjoni għall-promozzjoni tat-tagħlim u tar-riċerka xjetifika Ewropea fil-post; jinsisti li dawn il-programmi ta' skambju għandhom ikunu mmirati għall-istudenti, l-għalliema, ir-riċerkaturi u l-persunal amministrattiv, filwaqt li tkun żgurata rappreżentanza bilanċjata tas-sessi; jemmen li għandhom jiġu stabbiliti programmi ta' skambju għal tfal iżgħar u b'mod partikolari għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji u post-sekondarji;

66. Jilqa' l-proġett Al-Jisr dwar id-Diplomazija Pubblika u l-Attivitajiet ta' Komunikazzjoni, li bl-appoġġ tal-Kummissjoni, wera li huwa ta' benefiċċju kbir ferm; jinkoraġġixxi, f'dan ir-rigward, lis-servizzi tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President jikkunsidraw it-twessigħ tal-attivitajiet ta' diplomazija pubblika f'reġjun fejn l-UE għadha mhijiex mifhuma b'mod ċar u fejn il-mekkaniżmi biex dan id-defiċit jitnaqqas huma limitati; jisħaq fuq l-importanza li tiġi żviluppata strateġija aħjar ta' komunikazzjoni, inkluża l-ħtieġa li l-politiki u l-pożizzjonijiet tal-UE jiġu spjegati bl-Għarbi sabiex ikunu jistgħu jifhmuhom aktar nies fir-reġjun;

67. Jenfasizza li n-nuqqas ta' programmi ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-GCC fil-qasam tal-midja jirriżulta f'nuqqas ta' informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tressaq miżuri biex tinvolvi lill-Istati tal-GCC f'kooperazzjoni eqreb f'dan il-qasam sabiex iżżid il-viżibilità tal-Unjoni fir-reġjun u tippromwovi l-fehim reċiproku;

68. Iqis li huwa essenzjali li tinstab soluzzjoni għan-nuqqasijiet fl-Ewropa fir-rigward tar-riċerka u ta' studji dwar l-Istati tal-Golf; jinkoraġġixxi l-istabbiliment fl-universitajiet ta' programmi ta' studju kontemporanji dwar din il-parti tad-dinja Għarbija; jemmen li programmi ta' studju dwar l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu offruti wkoll fl-universitajiet fir-reġjun;

*

* *

69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarjat tal-GCC, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-GCC.

## Ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE)

P7_TA(2011)0111

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea

(2012/C 247 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-10 ta' Marzu 2011 mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ([1]),

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

**Il-Ħamis 24 ta' Marzu 2011**

— wara li kkunsidra l-fatt li, fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Marzu 2011, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji sema' lill-kandidat magħżul mill-Bord ta' Superviżuri tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Adam Farkas jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010),

1. Japprova l-ħatra ta' Adam Farkas bħala Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea),

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea).

---

## Ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX)

P7_TA(2011)0112

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol)**

(2012/C 247 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-10 ta' Marzu 2011 mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) ([1]),

— wara li kkunsidra l-fatt li, fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Marzu 2011, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji sema' lill-kandidat magħżul mill-Bord ta' Superviżuri tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Carlos Montalvo jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010),

1. Japprova l-ħatra ta' Carlos Montalvo bħala Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol);

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol).

---

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.